**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAQR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU WIEĦED 3 TA' LULJU , 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sinjuri Rita Grima, Ignatius Farrugia, Kyle Mifsud, Marisa D'Amato, Kenneth Farrugia, Marylyn Sammut, Jeremy Coleiro u Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Dino Bonnici.

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sinjura Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **1.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 1.1.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici informa li ma setgħax jattendi għas-seduta minħabba li ser ikun imsiefer. |
| | | |
| **1.2** | | ***APPROVAZZJONI TAL-KARIGA TA' SINDKU*** |
| | | |
| 1.2.1 | | Il-Kunsillier Rita Grima minħabba li hi l-aktar kunsillier anzjana fis-servizz ta' kunsillier tul il-leġislazzjonijiet tal-Kunsill, ippresediet s-seduta. |
| | | |
| 1.2.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsillier Rita Grima li kisbet l-ogħla ammont ta' voti mal-lewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri, jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsilliera Rita Grima aċċettat il-kariga ta' sindku u ffirmat id-dikjarazzjoni u għaddietha lis-Segretarju Eżekuttiv.<br>Minn issa 'l quddiem is-Sindku rita Grima kompliet tippresedi s-seduta. |
| | | |
| ***1.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-KARIGA TA' VIĊI SINDKU*** |
| | | |
| 1.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima talbet lill-Kunsillier Ignatius Farrugia li kiseb it-tieni l-ogħla ammont ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assolut ta' kunsillieri, jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku.<br><br>Il-Kunsillier Ignatius Farrugia aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u għadda d-dikjarazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv. |
| | | |
| ***1.4*** | | ***IL-ĠURAMENT TAS-SINDKU U VIĊI SINDKU*** |
| | | |
| 1.4.1 | | F'dan il-punt il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Matthew Brincat ta l-ġurament tal-kariga ta' Sindku lis-Sinjura Rita Grima u lill-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia. |
| | | |
| | | |
| ***1.5*** | | ***APPROVAZZJONI TA' DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 1.5.1 | | Is-Sindku pproponiet li l-ġurnata tas-seduti tkun l-Erbgħa. Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:45. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju, 2024, fis-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' LULJU, 2024.

**Rita Grima**
**Sindku**

**Josianne Cilia Mumford**
**Segretarju Eżekuttiv**